# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha**
**Tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju 2021**

**Rikors Numru 327/21 FDP**

Fl-ismijiet

**Fl-atti tal-kawża bin-numru 1148/2020 FDP u wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1707/2020 fl-ismijiet:**

**Visionaire Ltd [C92646]**

**vs**

**D'Amato Liam [K.I. Nru: 0141397M],**
**D'Amato Kenneth [K.I. Nru: 0455370M],**
**D'Amato Lourdes née Borg [K.I. Nru: 0145572M]**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' April 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti D'Amato talbu lill-Qorti sabiex:

    1. *B'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Art. 836(1)(ċ) u/jew (d) u/jew (e) u/jew (f) tal-Kap. 12 tirrevoka u tħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1707/2020 in toto;*

    2. *Tiddeċiedi u tiddikjara li l-esponenti għandhom assi immobbli suffiċjenti disponibbli li jiġu offruti bħala garanzija alternattiva għall-mandat ta' sekwestru, u dan riferibbilment bl-għoti ta' ipoteki*

*speċjali fuq l-appartament Nru 11 u fuq il-penthouse Nru 13 sopra indikati liema valur tagħhom jissodisfa l-ikkawtelar tal-pretensjonijiet tas-sekwestranta;*

3. *Tiddikjara illi l-esponenti għandhom jagħtu l-istess ipoteki speċjali bħala alternattiva għall-mandat ta' sekwestru viġenti;*

4. *Tiddeċiedi u tiddikjara li l-ammonti depożitati fir-Reġistru tal-Qorti stante l-mandat odjern jintraddu kollha lis-sekwestrati ai termini tal-Art 836(7);*

5. *Tordna lis-sekwestranta sabiex tħallas penali ai termini tal-Artikolu 836(8) paragrafu (b) u/jew (ċ) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Tillikwida d-danni li l-esponenti ġarrbu bil-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u tikkundanna lis-sekwestranta tħallas id-danni hekk likwidati ai termini tal-Artikolu (9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Tordna u tagħti kull ordni u/jew provvediment ieħor opportun, neċessarju u/jew meħtieġ sabiex dawn il-preċedenti talbiet, kollha jew in parti, jiġu effettivament mħarsa u/jew eżegwiti;*

8. *Tikkundanna lis-soċjetà sekwestranti tħallas l-ispejjeż tal-preżenti proċeduri.*

2. Rat illi s-soċjeta' intimata Visionaire Ltd laqgħet għal dak mitlub billi qalet illi trid tinġieb prova dwar garanzija alternattiva filwaqt illi oġġezzjonat għat-talbiet l-oħra stante illi huma eċċessivi.

3. Rat illi fis-16 ta' April 2021, il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smiegħ għal-24 ta' Mejju 2021.

4. Rat ill fil-31 ta' Mejju 2021, ir-rikorrenti ippreżentaw dokumentazzjoni b'valutazzjoni peritali tal-perit Cherylann Bonello ta' varji propjetajiet, fosthom ta' Garage Nru 14/15, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Birkikara.

5. Rat illi r-rikorrenti ddikjaraw illi ser jissuġġettaw l-propjeta' b'Ipoteka Speċjali a favur tas-soċjeta' intimata Visionaire Limited fis-somma sekwestrata.

6. Rat illi fid-9 ta' Ġunju 2021, il-partijiet ttrattaw ir-rikors.

7. Tosserva illi, mill-assjem tal-provi, jirriżulta illi r-rikorrenti D'Amato għandhom propjeta' suffiċjenti sabiex jagħmlu tajjeb għall-pretensjonijiet tas-soċjeta intimata Visionaire Limited iżda, sa llum, għadhom ma għamlux Ipoteka Legali a favur tas-soċjeta' intimata sabiex tagħmel tajjeb għas-somma sekwestrata.

8. Tosserva illi sakemm tali Ipoteka Specjali ma' tinħariġx, is-soċjeta' intimata għadha ma hijiex kawtelata għas-somma hekk sekwestrata suffiċjentement sabiex tali Mandat jiġi rimoss.

9. Tirrileva illi jkun opportun illi r-rikorrenti jipprovdu tali Ipoteka Speċjali sabiex is-soċjeta' intimata tiġi provduta kawtela suffiċjenti għal dak minnha mitlub.

10. Tosserva illi r-rikorrenti stess talbu, fost it-talbiet tagħhom, illi jiġu ordnati li jagħtu Ipoteka Speċjali bħala alternattiva.

11. Tirrileva illi tali Ipoteka Speċjali setgħet tiġi faċilmenti pprovduta mir-rikorrenti, fil-mori tal-proċeduri mingħajr il-ħtieġa ta' ebda ordni tal-Qorti.

12. Tosserva, madanakollu, illi jkun opportun illi dina l-Qorti tikkonċedi żmien lir-rikorrenti sabiex jipprovdu tali Ipoteka Speċjali sabiex tkun tista' tiddeċiedi tali rikors b'mod definittivament.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt illi tirriserva illi tipprovdi dwar it-talbiet 1, 2, 4, 5, 6, 7, 8 f'data oħra, tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tordnalhom sabiex jagħtu ipoteka speċjali bħala alternattiva għall-mandat ta' sekwestru viġenti sa mhux aktar tard mid-9 ta' Lulju 2021, li kopja tagħha għandha tiġi ppreżentata fl-atti tal-proċeduri odjerni, u tirriserva illi tipprovdi finalment għar-rikors odjern fil-15 ta' Lulju 2021.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**